MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 165/2001/1

**Carmel Mifsud**

**vs**

**Maria Giuseppa ahjar maghrufa bhala Josette Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta’ Novembru 1975 hekk kif jindika l-Att ta’ Zwieg Numru 001674 A hawn anness u mmarkat bhala Dok “A”.

Illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu erbat itfal bl-ismijiet Alexander, Victoria, Oswald u Robinson li ghandhom erbgha u ghoxrin sena (24), wiehed u ghoxrin

sena (21), tmintax-il sena (18) u sbatax-il sena (17) rispettivament.

Illi *inoltre* l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-attur gie kostrett illi jizzewweg minhabba l-fatt illi minn mindu kien ta’ eta’ zghira kellu jissubixxi vjolenza morali kontinwa minghand missieru hekk kif se jkollu l-opportunita’ jipprova fil-mori tal-kawza odjerna.

Illi l-istess attur kien *inoltre* kostrett ukoll illi jizzewweg mal-konvenuta minhabba illi din kellha gja’ sitt xhur tqala.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tas-16 t’Awissu 2001 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-fatti kif dedotti fic-citazzjoni odjerna huma attribwibbli esklussivament lill-attur, liema fatti jistghu jkunu veritjeri u kwindi jirrizultaw u ghalhekk, l-eccipjenti qed thalli ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti apprezzament ahjar tac-cirkostanzi tal-kawza odjerna.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2001.

Rat in-nota tal-attur datata 25 t'Ottubru 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu stess u ta' Alfred Mifsud u fejn anke ddikjara li bihom ezawrixxa l-provi tieghu.

Rat il-verbali tal-11 ta' Dicembru 2001; tas-7 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-20 ta' Frar 2002; u tad-9 t'April 2002 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur Carmel Mifsud datat 15 t'April 2002 fejn talab li l-kawza tigi riappuntata, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tas-16 t'April 2002 fejn il-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghall-25 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Edward Zammit Lewis ghall-attur ikkonferma li l-provi tal-attur huma konkluzi. Inghata digriet affidavits tal-konvenuta b'terminu ta' hamsin (50) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex wara tali terminu jiffissa tliet (3) seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 17 t'Ottubru 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa; u tas-26 ta' Marzu 2003 fejn

peress li l-konvenuta baqghet ma dehritx minkejja li l-kawza kienet differita ghal finali trattazzjoni, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Novembru 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, id-dokumenti hemm esebiti u n-nota tal-istess Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 t'Ottubru 2003 fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex il-kawza tithalla ghall-probabbli cessjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-10 t'Ottubru 2003 fejn cahdet it-talba tal-attur.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Carmel Mifsud** permezz tal-procedura tal-affidavit xehed illi:-

*"Nghid illi meta kont ghadni tifel kont ukoll bdejt nizviluppa u jiena bdejt nohrog mal-hbieb tieghi billi mmur indur sal-Belt Valletta.*

*Nghid illi hemmhekk meta kelli dawk is-sittax-il sena, jiena iltqajt ma' tfajla li hija l-konvenuta marti Josette Mifsud.*

*Nghid illi jiena bdejt nohrog ma' din Josette Mifsud minhabba mhatra illi jiena kont ghamilt ma' siehbi Zanzu.*

*Nghid illi din Josette kellha bejn wiehed u iehor l-istess eta' tieghi. Jiena fil-fatt bdejt ikolli relazzjonijiet sesswali maghha u ahna ta' tfal li konna bdejna nesperimentaw bis-sesswalita' taghha.*

*Nghid illi darba fost l-ohrajn din Josette giet tghidli illi hija fil-fatt harget tqila. Jiena kont inkwetajt hafna u l-aktar ghaliex jiena ma kontx naf kif se naqbad nghid lil missieri li kont nibza' minnu hafna ghaliex huwa kien isawwatni u li kien baqa' jsawwatni u jaghtni xebghat kbar anke meta jiena bdejt nikber.*

*Nghid illi jiena flimkien ma' Josette konna anke morna nkellmu tobba sabiex nikkonvincuhom halli Josette taghmel abort izda dawn irrifjutaw.*

*Nghid illi l-ewwel illi ghidt illi jiena kont hrigt lil Josette tqila kienet lil ommi u ommi nhasdet u qaltli illi kif jiena nghid lil missieri dan kien se joqtolni.*

*Nghid illi hekk kif ghadda ftit zmien, missieri sar jaf. Missieri ukoll kien hadha daqshekk bi kbira ghaliex jiena kont ghadni lanqas ghalaqt it-tmintax-il sena.*

*Nghid illi dakinhar missieri ma kienx sawwatni, izda kien qalli car u tond illi jiena kelli nizzewweg lil din Josette issa galadarba illi jiena hrigtha tqila. Huwa kien qalli s-segwenti kelmiet: "Jew tizzewweg jew inkella ghandek sentejn habs il-ghaliex dik it-tifla lanqas biss ghandha sittax-il sena ahseb u ara tmintax".*

*Nghid illi jiena ghall-ewwel irrezistejt xi ftit mill-pressjoni illi kien qieghed jaghmilli missieri sabiex nizzewweg ghaliex jiena kont nara nies ohra f'kazijiet simili bhal tieghi u dawn ma kinux jizzewgu. Apparti dan jiena ma kontx qieghed inhossni matur bizzejjed halli nidhol fi zwieg ghaliex jiena kont ghadni mohh ta' tifel.*

*"Niftakar illi kien hemm ukoll xi problemi mal-kappillan ta' dak iz-zmien ghaliex anke huwa stess kien induna illi ahna ma konniex tajbin ghaz-zwieg u ma konniex lesti halli nidhlu ghall-obbligi illi jgib mieghu z-zwieg.*

*Fl-ahhar mill-ahhar ahna spiccajna zzewwigna ta' malajr.*

*Nghid illi jiena dak iz-zmien lanqas biss kont nahdem u ma stajtx insib impjieg.*

*Nghid illi r-relazzjoni tieghi ma' missieri kienet marret ferm ghall-aghar tant illi huwa kien qieghed isawwatni ta' spiss u dan ghal kull haga ta' xejn. Jiena niftakar illi darba ffaccjajtu u staqsejtu ghalfejn huwa kien isawwatni u huwa qalli illi huwa hekk kien jahsibha.*

*Nghid illi jiena waqt iz-zwieg kien qieghed ikolli relazzjonijiet ma' hafna nisa ohra, izda qatt ma tlaqt il-familja ghaliex jiena kont nithassar it-tfal.*

*Nghid illi jiena qatt ma kelli mhabba la ghal missieri, la ghal ommi illi meta kienet tara lil missieri jsawwatni hija kienet titlaq 'l hemni u wisq anqas ghal marti li ma kont nara xejn fiha ghajr mara bhall-ohrajn.*

*Niftakar illi darba tant xbajt illi, anke bhala ragel li bdejt nikber u kont ragel mizzewweg, jiena xorta wahda bqajt nircievi s-swat minghand missieri illi kont xtrajt xi velenu halli nnehhi hajti b'idejja. Madadankollu, kien induna hija u kien mar ighid kollox lil missieri. Fil-fatt, kif sar jaf missieri kien tani xebgha hassarni.*

*Nghid ukoll illi r-relazzjoni sesswali tieghi ma' marti tul iz-zwieg ma kienet tajba xejn tant illi hija wkoll kienet tiddejjaq illi jiena naghmel maghha. Jiena ghalhekk kont spiccajt infittex nisa ohra".*

Illi l-istess attur pprezenta wkoll l-affidavit ta' **Alfred Mifsud**.

Illi min-naha taghha l-konvenuta **Maria Giuseppa Mifsud** sostniet illi:-

*"Nghid li nhar it-22 ta Novembru 1975 izzewwigt lill-attur. Dakinhar jien kelli sittax-il sena u l-attur kellu tmintax-il sena u nofs. Nghid illi kont ilni nohrog ma' l-attur ghal sena u hames xhur. Kienu qishom dawk it-tmien xhur qabel ma izzewwigna illi jien u l-attur kellna x'naqsmu sesswalment flimkien.*

*Niftakar li f'Awissu 1975 kont intbaht illi kont inqbadt tqila minghand l-attur. Kif indunajt mort mal-ewwel nghid lill-ommi bil-problema. Dak il-hin ikkonfondiet bhal speci sabiex tghid lil missieri. Huma ma staqsewnix min kien il-missier minhabba li l-attur kienu jafuh ghax dan kien diga' jidhol id-dar. Fil-fatt kien igib anke lil ohtu jisimha Marlene li dak iz-zmien kellha ghaxar (10) snin, mieghu d-dar taghna.*

*Flimkien ma' ommi jien infurmajt lill-attur ukoll li kont tqila b'tarbija minn tieghu. Kif infurmajtu b'dan huwa ma tantx ha pjacir. Qalli li beda jibza' kif kien se jghid lil missieru. Jien kont naf li ma' missieru ma tantx kien imur tajjeb. Gieli kien jghidli li missieru kien isawtu u beda jibza' minnu.*

*Dak iz-zmien niftakar illi jien kont nidhol id-dar tieghu. Kull nhar ta' Sibt jien kont immur sad-dar t'ommu u missieru. Huma kuenu jhobbuni hafna u ghadhom sal-gurnata tal-lum igibuli rispett. Niftakar illi meta jien kont inqbadt tqila ommu u missieru kienu staqsewna jekk ahna ninhabbux ghax kif kienu jahsbuha huma, it-tarbiija xorta titrabba. Dak iz-zmien, ta' tfal li konna, minghalina li konna ninhabbu. Ommi u missieri donnhon accettaw is-sitwazzjoni imma kienu dejjem jinkwetaw fuqi.*

*Minkejja l-eta' tenera taghna, jien kont preparata li nzomm it-tarbija. Qatt ma morna naraw tobba sabiex jien naghmel abort. Qatt ma ghaddieli hsieb minn rasi! Niftakar ukoll illi ommi u missieri qatt ma ezercitaw xi forma ta' pressjoni sabiex nizzewweg lill-attur. Huma dejjem hallewni fil-liberta' li naghzel jien u dejjem kienu jifthuli ghajnejja biex jekk ma nhobbux ma nizzewgux. Jien lill-attur kont inhobbu u ddecidejt li nizzewgu.*

*Min-naha tieghu l-attur kien irid li nizzewgu pero' niftakar li ma kienx ikun daqshekk ferhan bhalma kont jien. Meta jien kont nistaqsih ghalfejn ma kienx ikun ferhan huwa ma kien jghidli xejn.*

*Xi xahrejn wara ghamilna 'engagement' ta malajr ma' tal-familja liema 'engagement' sar fid-dar t'omm l-attur.*

*F'Novembru mbaghad izzewwigna fil-knisja ta' Hal Tarxien minghajr problemi ta' xejn. Nghid li dak iz-zmien l-attur ma kienx jahdem u dam ma sab impjieg fiss.*

*Nghid illi z-zwieg taghna fil-bidu kien wiehed tajjeb. Pero' kont inhoss illi l-attur ma kienx ppreparat ghaz-zwieg. Dan hareg l-aktar wara li l-attur dahal jahdem fil-korp tal-pulizija u cjoe' f'Ottubru 1982. Minn dakinhar 'l hawn l-attur inbidel. Beda jittraskura lill-familja specjalment lill-erbat itfal. Naf illi kellu nisa ohra u fil-fatt ghandi wkoll provi bir-ritratti fejn qbadtu fil-fatt ma' nisa ohra.*

*Nghid li z-zwieg taghna beda jitkisser bil-mod tant li huwa ma kienx jaf x'inhuma l-obbligi tieghu fil-hajja matrimonjali. Niftakar ukoll illi kemm-il darba kien sawwatni anke quddiem it-tfal. Hafna drabi ma kontx inkun naf fejn kien imur. Ma kien jghidli xejn, pero' fil-karozza tieghu mhux l-ewwel darba li sibt oggetti ta' nisa ohra. Gieli anke kienu jcemplu rgiel ta' dawn in-nisa, jibku ghaliex zewgi kien sfrattalhom familja. Tant hu hekk illi omm il-mara ta' ibni Alexander kienet irceviet ghandha nvestigatur privat li kien qed jigri wara zewgi mqabbad mir-ragel ta' dik il-mara (li ma nafx min hi) li zewgi kien imur maghha. Darba minnhom anke huh stess kien qabdu mal-mara tieghu".*

## <u>(ii) Principji Legali.</u>

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru 1982), il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**".*

Illi pero' mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attur kellu biza' kbira minn missieru u dan mhux ghal xejn ghaliex l-

istess missier l-attur kien isawwat lill-attur u dan anke meta kien sar ragel. Mill-provi prodotti senjatament mill-istess attur, u f'dan jinsab ukoll korroborat mix-xhieda ta' missieru stess Alfred Mifsud moghtija fl-affidavit tieghu tal-24 ta' Ottubru 2001 jirrizulta li l-istess attur kien litteralment imwerwer minn missieru u wahda mir-ragunijiet ghaliex izzewweg lill-konvenut kien peress li saret pressjoni fuqu mill-missier sabiex jizzewweg lill-konvenut la darba l-istess kienety harget tqila minnu. Fil-fatt mill-affidavit tal-istess missier tal-attur jirrizulta sahansitra li d-decizjoni sabiex jizzewweg ittiehdet ghall-attur minn missieru tant li l-istess attur jidher car li lanqas irriskja jopponi ghall-mument tali decizjoni. Il-konvenuta f'dan ir-rigward tghid li qabel iz-zwieg ma kenitx tara lill-attur ferhan, u jidher li ir-raguni ghal din id-dikjarazjoni tal-konvenuta kienet peress li l-istess attur ghazel li jaghmel dan il-pass mal-attrici mhux xelta tieghu izda ghaliex hekk kien hemm bzonn fic-cirkostanzi, u ghal dak li huwa relevanti ghal dan is-sub-artikolu peress li kien litteralment imbezza' minn missieru, tant li wara dan iz-zmien kollu din kellha tohrog b'dan il-mod fejn l-istess attur stqarr b'certu tbatija li anke bhala ragel mizzewweg huwa kien gie msawwat minghand missieru u dan juri l-effett kbir li l-istess genitur tal-attur kellu fuq ibnu, ahseb u ara meta l-istess attur kien ghadu tfajjel ta' (18) tmintax-il sena, iz-zmien li huwa kellu biex izzewweg.

Illi huwa opportun f'dan l-istadju li wiehed jiccita dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) fejn il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizzjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss akkompanjat il-kunsens izda ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza' ".* (sottolinear tal-Qorti).

Illi ma hemm l-ebda dubju li fil-kaz in kwistjoni l-pressjoni prattikata minn missier l-attur fuq ibnu kien determinanti

sabiex l-istess attur jidhol f'din ir-rabta mal-konvenuta, u din il-Qorti thoss li anke jekk l-attur qed jirrakkonta dak li hass u gara zmien sew ilu fix-xhieda tieghu rnexxielu jittrasmetti din il-biza' li huwa hass ghall-agir u r-reazzjoni ta' missieru tant li tali biza' kienet determinanti sabiex effettivament l-attur jidhol f'dan iz-zwieg, u kieku ma kienx ghall-istess ma kienx lanqas jaghmel dan il-pass.

Illi hawn issir riferenza wkoll ghas-sentenza **"Rita Attard vs Raymond Chircop"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2003) fejn il-Qorti kienet waslet ghall-istess konkluzjoni la darba jirrizulta li in effetti bil-pressjoni u bil-mod li din issir mill-istess genituri, specjalment ma' wlied li jkunu ghadhom zghar fl-eta' u jkunu ghaddejjin mill-problemi tal-adoloxxenza u bhal dan il-kaz minn tqala li ma tkunx giet ippjanata u lanqas sa certu punt mixtieqa, din hafna drabi tkun determinanti sabiex l-istess ulied jaccettaw dak li l-genituri litteralment jiddeciedu ghalihom. Fil-fatt tali wlied neqsin mill-indipendenza taghhom meta rinfaccati b'tali tqala li hafna drabi tbiddlilhom hajjithom, spiss jirrikorru ghand il-genituri taghhom u f'dik is-sitwazzjoni mhux facli li topponi ghall-istess decizjoni tal-genituri, aktar u aktar meta l-istess ulied ikunu ghadhom qed jiddependu fuq il-genituri taghhom.

Illi ghalhekk certament li din hija storja ohra tal-hsara li ssir mill-genituri li juru din is-sahha u kontroll kollu fuq uliedhom, li hafna drabi jispiccaw isofru l-konsegwenzi ta' dak li kien sar fuqhom; jinghad ukoll li f'dan il-kaz l-akbar vittma kienet l-konvenuta peress li din kellha tissaporti l-imgieba rresponsabbli tal-attur kemm f'dak li hija nfedelta' tieghu, *nonostante* li kellu erbat itfal u wkoll li jidher li l-istess attur kien juza wkoll il-vjolenza fuq martu. Hawn wiehed jara wkoll l-effetti sfortunatament dejjiema u negattivi tal-vjolenza domestika, li hafna drabi min isofriha jispicca juzaha huwa wkoll.

Illi in vista ta' dak kollu li nghad hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li dan il-kaz imur *ben oltre* minn biza' riverenzjali lejn il-genituri, tant li l-biza' li kellu l-attur minn missieru kienet wahda rejali li certament annullat il-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg u jidher car li l-istes attur ma dahalx ghal dan

iz-zwieg bil-kunsens tieghu liberu izda dan l-istat gie impost fuqu bl-attitudini u bl-attaggjament anke fizikament vjolenti tal-istess missieru, u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' dan l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) nghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed*

*jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii*" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia,*** **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita.*

*In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento".** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li

taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid il-***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J***., op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn

l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP)

l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

***art. 19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April

2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda stess tal-attur li apparti l-pressjoni li kellu minn missieru sabiex jizzewweg lill-attrici huwa eskluda l-element ta’ fedelta’ mir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta tant li ghalkemm kellu erbat itfal minnha xorta wahda huwa konsistentement fittex li jkollu relazzjonijiet extra-maritali ma’ nisa ohra u tant jidher li kien konsistenti f’dan li jidher car li l-attur eskluda fil-mument taz-zwieg dan l-element ta’ fedelta’ mill-kunsens tieghu ghaz-zwieg mal-konvenuta. Dan huwa wkoll rizultat tal-fatt li jidher car mill-provi prodotti li d-decizjoni li huwa jizzewweg lill-konvenuta ma kenitx tieghu izda kawza tal-pressjoni adottata fuqu minn missieru u kawza wkoll tal-fatt li dak li gab dan kollu kien ukoll il-fatt li l-konvenuta harget tqila mill-attur meta din kellha cirka (16) sittax-il sena. Fuq dan l-aspett tal-promiskwita’ tal-attur il-partijiet jaqblu ghaliex il-konvenut tirrakkonta b’mod skjet l-intricci u n-nuqqas ta’ responsabbilta’ ta’ l-attur f’dan ir-rigward u certament li l-istess konvenuta, bhal kull mara ohra mizzewga ma jixraqilhiex dan. Fuq kollox mix-xhieda tal-attur din il-Qorti tinnota li tul l-affidavit kollu tieghu hija nieqsa mill-attur kull sentiment ta’ mhabba u din il-Qorti tazzarda tghid anke rispett lejn il-konvenuta, li min-naha taghha *nonostante* c-cirkostanzi li hija sabet ruhha fihom qabel u waqt iz-zwieg tidher li genwinament kienet thobb lill-attur u ppruvat taghmel minn kollox sabiex dan jirnexxi.

Illi huwa veru li l-istess Qorti hawn qed tirreferi ghall-atti li l-istess attur kkommetta wara z-zwieg, pero’ mill-kumpless u bil-mod kif il-provi gew prodotti dawn juru b’mod konsistenti l-mod kif l-attur kien jahsibha qabel iz-zwieg tieghu mal-konvenuta  u aktar importanti juru b’atti esterni n-natura u l-vizzju tal-kunsens tieghu ghal din ir-rabta tieghu mal-konvenuti li jikkonfermaw li l-istess kunsens tal-attur kien difettuz ghaliex jidher li l-attur eskluda li fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta li huwa kien ser ikun fidil u leali lejha, anzi jidher li kien determinat li jibqa’ jaghmel dak li jaqbillu, la darba hass li kien sforzat li jizzewweg lill-

konvenuta, kemm minhabba l-atti ta’ missieru u kemm ghaliex rinfaccjat bi tqala opera tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-attur.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli u/jew kontrastanti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

(1) Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** z-zwieg bejn il-kontendenti tat-22 ta’ Novembru 1975 u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------